MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 635/2013

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**KMK Limited (C50774)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi s-Socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija tlieta u disghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€1,893.89c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni, bl-akkont numru A/C40186499, moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-

annessi dokumenti mmarkat Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 –kopja ta' ittra ufficjali ghat-tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi s-Socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra s-Socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi s-Socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-01 ta' Dicembru, 2014 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elf tmien mija tlieta u disghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€1,893.89c), u dan bl-ispejjez u bl-imghax legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------